Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 7– Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

7.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

## 7.3 Ġieħ Għajnsielem

7.3.1 Għall-Premju Ġieħ Għajnsielem 2019 il-kunsilliera ġew imsejħa jinnominaw 2 persuni kull wieħed. B'kollox kien hemm sitt nomini li kienu:- Justin Buttigieg, Alex Spiteri, Anthony Grech, Paul Stellini, Joseph Sultana u l-Arcipriet Frankie Bajada.

7.3.2 Saret il-votazzjoni, u r-rebbieħ ta' Ġieħ Għajnsielem 2019 huwa s-Sur Anthony Grech b'24 vot.

7.3.3 Il-Kunsill qabel li s-serata tal-għoti ta' Ġieħ Għajnsielem issir fil-Grand Hotel nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019.

### 7.4 Evalwazzjoni tal-istimi tad-Dawl tal-Milied

7.4.1 Is-Sindku rrefera għaż-żewġ stimi li rċevejna wara li ħriġna sejħa pubblika. L-istimi kienu kif ġej:- Mingħand D Illuminations għall-prezz ta' €4900 mingħajr il-VAT u dik mingħand Chris Gauci għall-prezz ta' €5820 mingħajr il-VAT.

7.4.2 Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos offerta dik ta' D Illuminations.

### 7.5 Inawgurazzjoni tal-proġġett tat-Taraġ

7.5.1 Sar qbil li l-inawgurazzjoni tal-Monument u l-Proġett tat-Taraġ għandha ssir nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 filgħodu wara l-quddiesa tal-10:00am. Sar qbil li għandna nistiednu lill-Ministru għal Għawdex Justyne Caruana sabiex tinawgurah hi flimkien mal-Kunsill.

7.5.2 Sar qbil li għandna ssir plakka kommemorattiva u oħra deskrittiva.

7.5.3 Sar qbil ukoll li għandna ninkarigaw lis-Sur Charlie Zammit tal-JP2 Foundation sabiex jgħinna fil-programm tal-inawgurazzjoni billi jew inġibu xi orkestra żgħira jew xi kor.

7.5.4 Bħala stediniet għandna nistiednu lill-kuntratturi, periti u suppliers konnessi mal-proġett, membri parlamentari għawdxin, sindki tal-Kunsilli Lokali Għawdxin u tinħareġ stedina għall-poplu għajnselmiż in ġenerali.

### 7.6 Materji oħra

7.6.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjonijiet li l-Kunsill issottometta għall-proġett ta' irrigazzjoni u dak tal-librerija ġew aċċettati u l-Kunsill ser jinghata s-somma ta' € 10631.42 u €3000 rispettivament.

7.6.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni li ssottomettejna għall-Fondi tal-Ewropa taħt il-proġett tal- Mizura 4 taħt l-programm GAGF LEADER- "Rejuvenating Gozo" fejn fiha nkludejna l-proġett ta' Learning Garden li ser isir minflok il-playing field eżistenti tal-Gudja. Is-Sindku rrefera għal fatt li bħala partners ingħaqdu magħna l-Birdlife Malta u l-Gozo Federation for Disabilities. Huwa rrefera għal kumplikazzjonijiet li kien fiha l-applikazzjoni b'mod speċjali dwar il-problema tal-identifikazzjoni tat-titlu tal-art. Is-Sindku kkonferma li sadanittant ressaqna t-talba lill-Awtorita' tal-Artijiet

sabiex ikollna konferma li din l-art hija pubblika. It-talba għal dan il-proġett globali tammonta għall-€160,000.

7.6.3 Is-Sindku rrefera wkoll għall-applikazzjoni tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Għal din l-applikazzjoni kellna applikazzjoni waħda miż-żgħażugħa Loredana Agius. Il-Kunsill aċċetta din il-ħatra u filwaqt li feraħ lil Loredana għal din il-kariga jixtieq jirringrazzja lill-ambaxxatur Ryan Mifsud għas-servizz tiegħu.

7.6.4 Għal-laqgħa kienet preżenti Miss Għajnsielem Shania Micallef. Il-Kunsill ferħilha għal din l-okkażżjoni u rringrazzjaha li qed tirrappreżenta u tagħmel unur lil-lokalita' ta' Għajnsielem f'dan il-kuntest ta' sbuħija u awguralha kull suċċess.

7.6.5 Rigward Bethlehem f'Għajnsielem qed isiru l-arranġamenti neċessarji sabiex il-Ministeru għal Għawdex jgħinna kemm jista fl-akkomodazzjoni tas-Suldati mir-Rumanija kif ukoll dawk Maltin billi jiġu ospitati fl-ITS Qala.

7.6.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-kuntatt li għamel mas-Sindku tal-Birgu dwar il-possibilita' li mal-wasla tal-Magi f'Malta jitilqu mill-Birgu u jaqsmu b'dgħajsa għal Waterfront. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

7.6.7 Saret referenza għal fatt li ġej Onor Alelssandro Battilocchio u delegazzjoni miegħu għall-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil li għandna nospitawhom f'Lourdes Home.

7.6.8 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandha ssir plakka tal-irham li fuqha jitniżżlu r-rebbieħa kollha ta' Ġieħ Għajnsielem. Sar qbil dwar dan u li għandha titpoġġa jew fl-Uffiċju jew fid-daħla taċ-Ċentru Ċiviku.

7.6.9 Sar qbil li ser isiru Clean Ups fil-Gudja u fiż-Zewwieqa Belvedere fejn fost oħrajn isir ukoll tindif tal-ħaxix ħazin, għollieq u siġar ħziena kif indikat mill-istess ERA fil-permess tagħhom.

## 7.7 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019 fil-5:45pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**